# ~~Il-biljett irħis, Il-prezz għali~~

~~Il-passaġġ għal ġol-globu lotterija,~~
~~imsarraf mis-sħana, il-biljett irħis.~~

~~Il-qtar mgħammed fuq l-iskutella,~~
~~bil-kuraġġ ta' l-artal maġġur,~~
~~jixtieqlek il-vjaġġ it-tajjeb~~
~~f'makkinarju difettuż.~~

~~Il-ferrovija m'hemmx li tasal.~~
~~Tgħaddi x-xafra tikkonfondi~~
~~tterraq mal-linji tal-vina~~
~~tfittex passaġġ bid-dejn~~
~~mill-globu għall-infern.~~

~~Il-ferrovija ma tafx tieqaf,~~
~~il-biljett ma jinbidilx.~~
~~Il-vjaġġ fil-globu għali nfern;~~
~~il-passaġġ irħis, il-vjaġġ għali,~~
~~il-fwar taċ-ċumnija għall-infinit.~~

~~*Marcel Zammit Marmarà*~~

# Int

Int għalqa maħsuda mix-xemx,
Sema mingħajr sħab, ġuf bla tfal.
Inti għasfura tas-sema, tkanta l-ħelsien,
Strument bla ħsejjes, kamra bla bibien.

Int dar vojta mħarsa mill-iħirsa,
Abbozz bla ħajja, eku ta' bir.
Int ċimiterju bla isem, Knisja bla
mgħallem,
Muftieħ imkisser, kelma bla ittri.

Int l-Univers imċajpar tiegħi,
Mitlufa fi ħdan iż-żodjaku,
Tgħajjat ħa tinstema', u ssodd
Widnejk ħa ma tismax id-dagħwa
Tiegħi.

*Joe Bugeja*